MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 739/2002

**Reuben Debono**

**vs**

**Vassallo Builders Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-3 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-attur is-somma ta' elfejn disa' mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (LM2,955.00,0) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta'**

**kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta' konvenuta fuq ordnijiet taghha;**

**2. Bl-ispejjez, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jixhed u ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi l-ammont pretiz mill-attur ma huwiex dovut mis-socjeta' eccipjenti stante li l-materjal ta' kostruzzjoni mertu tal-kwistjoni ma giex konsenjat mill-attur lill-istess socjeta' eccipjenti;**

**2. Ghaldaqstant it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti skond l-attur li taw bidu ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur kien gie mqabbad mis-socjeta' konvenuta biex iforniha bi kwantita' ta' gebel f'kostruzzjoni li kienet fdata f'idejn l-istess socjeta';**

**2. Illi l-attur kien ifornixxi diversi vjeggijiet ta' dan il-gebel u kien jithallas regolarment;**

**3. Illi dawn il-vjeggijiet li l-attur kien ifornixxi kienu jigu regolarment ivverifikati minn impjegati tas-socjeta' konvenuta mal-konsenja taghhom fuq il-lant tax-xoghol;**

**4. Illi kien biss ghall-ammont mitlub fl-avviz li ta bidu ghal din il-procedura li s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti nonostante l-verifiki maghmula, (ara fol 10 sa 37), fejn fil-parti l-kbira taghhom gew ukoll avallati bil-firma tal-"foreman" ta' l-istess socjeta', (ara fol 47 u 48);**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti skond is-socjeta' konvenuta jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi wara verifika ghall-gharrieda fuq konsenja partikolari tal-attur kondotta mill-istock controller tas-socjeta' konvenuta fl-1 t'Awissu tas-sena 2001 instab li dik il-konsenja partikolari kienet karenti, (ara fol 55);**

**2. Illi s-socjeta' konvenuta bdew jaslulha rapporti li l-attur kien qed jaffettwa konsenji neqsin fuq il-lant tax-xoghol;**

**3. Illi kagun ta' dan is-socjeta' konvenuta effettwat aktar verifiki approfonditi u nstab li kien hemm "…delivery notes aktar mill-ammonti ta' truck loads li kienu jigu fuq is-sit tax-xoghol", (ara fol 62);**

**4. Illi sussegwentement l-attur twaqqaf milli jgib aktar gebel fuq is-sit in dizamina;**

**5. Illi inoltre jirrizulta li sehh inkontru bejn il-president tas-socjeta' konvenuta u l-attur fejn ta' l-ahhar gie affrontat bis-sitwazzjoni u anke sahansitra ammetta l-akkadut, (ara fol 63);**

**6. Illi gie allegat li konsegwenza ta' dan intlahaq ftehim bejn il-partijiet li b'rispett ghar-relazzjoni li kien hemm bejniethom ta' tlett generazzjonijiet wiehed kellu "jinsa kollox u kulhadd jibqa' billi ha", (ara fol 63);**

**7. Illi kien biss madwar sena u nofs wara dan il-ftehim li l-kaz rega' tqajjem mill-attur;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi hu pacifiku fil-procedura kurjali lokali li min jallega jrid jipprova;**

**Illi riferenza ghall-inkontru sigriet u esklussiv minghajr xi forma ta' prova tangibbli m'hu ta' l-ebda solljiev la ghas-socjeta' konvenuta u lanqas ghall-qorti;**

**Illi kull ma jirrizulta verifikabbli hu s-segwenti:**

**1. Illi l-partijiet f'din il-kawza kellhom relazzjoni legali bejniethom fejn fuq ordni tas-socjeta' konvenuta, l-attur kien qed iforniha bil-gebel ghall-kostruzzjoni ta' fond fdat f'idejha;**

**2. Illi l-konsenji mertu tal-procedura odjerna huma suffragati bid-dokumentazzjoni relattiva.;**

**3. Illi f'perjodu minnhom l-attur inqabad jikkonsenja kwantita anqas minn dak dovut;**

**4. Illi kagun ta' dan, sfaxxat ir-relazzjoni twila u antika li kienet tezisti bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur u l-antenati tieghu;**

**Illi mill-bqija l-versjoni tas-socjeta' konvenuta ma ssib l-ebda riskontru oggettiv li jippermetti lil din il-qorti tistrieh fuqu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Vassallo Builders Limited thallas lill-attur Reuben Debono l-ammont ta' elfejn disa' mija u hamsa u hamsin Lira Maltin (LM2,955.00,0), rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal ta' kostruzzjoni mibjugh u kkonsenjat fuq ordnijiet ta' l-istess socjeta' konvenuta, u dan bl-ispejjez u imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------